



Bundesnetzagentur

Aġenzija Federali tan-Networks tal-Elettriku, tal-Gass, tat-Telekomunikazzjoni, tal-Posta u tal-Ferroviji

Abbozz

SSB SE 030

Deskrizzjoni tal-interfaċċa għal tagħmir tar-radju ta' emerġenza għall-koordinazzjoni u gwida relatata mal-post tas-servizzi ta' tiftix u salvataġġ (121.5 MHz u 123.1 Mhz) u tal-emittent ta' sinjali f'każ ta' periklu marittimu (406 MHz, EPIRBs)

Edizzjoni: April 2025

Numru tan-notifika skont id-Direttiva (UE) 2015/1535:
xxxx/xxxx/DE

Notifikat skont id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241 tas-17.9.2015, p. 1).

Informazzjoni ta' kuntatt: Aġenzija Federali tan-Networks tal-Elettriku, tal-Gass, tat-Telekomunikazzjoni, tal-Posta u tal-Ferroviji Referat 421, Seidelstr. 49, D-13405 Berlin

Din l-ispeċifikazzjoni tal-interfaċċa għandha 8 paġni.

Telefown: +49 30 4374 0
Fax: +49 30 4374 1180

Email: ssb@bnetza.de
Internet: www.bundesnetzagentur.de

MT	Speċifikazzjoni tal-interfaċċa	Tagħmir tar-radju għal komunikazzjonijiet ta' salvataġġ fuq il-frekwenzi 121.5 MHz, 123.1 MHz, 406 MHz	SSB SE 030	April 2025
----	--------------------------------	--	------------	------------

1 **Ħarsa ġenerali**

Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 (ĠU L 153,/62) dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE ġiet trasposta fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja bl-Att dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq tat-tagħmir tar-radju (Att dwar it-Tagħmir tar-Radju (Funkanlagenengesetz – FuAG) tas-27 ta' Ġunju 2017 (Gazzetta tal-Liġi Federali (BGBl.)) I Nru 42 p. 1947), emendata l-aħħar bl-Artikolu 1 tal-Att tal-14 ta' Mejju 2024 (BGBl. I Nru 148).

Skont § 33(1) tal-FuAG, l-Aġenzija Federali tan-Networks għandha tipprovdi speċifikazzjonijiet speċifiċi u xierqa tal-interfaċċi tar-radju fir-rigward tat-tagħmir tar-radju li jiġi operat fuq meded ta' frekwenzi li l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom mhumiex armonizzati madwar il-Komunità kollha.

Din l-ispeċifikazzjoni tal-interfaċċa (SSB) tinkludi l-informazzjoni meħtieġa biex tippermetti lill-manifattur iwettaq it-testijiet rilevanti fir-rigward tar-rekwiżiti essenzjali applikabbli għat-tagħmir tar-radju rilevanti f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' § 4(2) tal-FuAG u, meta applikabbli, § 4(3).

Barra minn hekk, it-tagħmir tar-radju jrid ikun iddisinjat b'tali mod li jiġu osservati r-rekwiżiti bażiċi l-oħrajn skont § 4(1)(1) u (2) tal-FuAG.

Għall-ikkummissjonar u t-tħaddim tat-tagħmir tar-radju, id-dispożizzjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-frekwenzi, b'mod partikolari dawk li jinsabu fil-Parti 6 tal-Att dwar it-Telekomunikazzjoni (TKG) tat-23 ta' Ġunju 2021 (BGBl. I Nru 35, p. 1858), emendat l-aħħar fl-14 ta' Mejju 2024 bl-Artikolu 35 tal-Att tas-6 ta' Mejju 2024 (BGBl. I Nru 149), jibqgħu mhux affettwati.

Barra minn hekk, ir-regolamenti marittimi għadhom iridu jiġu osservati fir-rigward tat-tagħmir tar-radju fuq il-bastimenti.

L-Aġenzija Federali tan-Networks għandha tordna d-dħul fis-seħħ tal-ispeċifikazzjoni tal-interfaċċja fil-Gazzetta Uffiċjali tagħha u tippubblika r-referenza tagħha fiha; l-edizzjoni Ġermaniża biss kapaċi toħloq obbligi.

2 **Klawżola tas-Suq Uniku**

Il-prodotti kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew fit-Turkija, jew li joriġinaw u jiġu kummerċjalizzati legalment fi Stat tal-EFTA li huwa parti kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, jitqiesu kompatibbli ma' din il-miżura. L-applikazzjoni [ta' din il-miżura] hija soġġetta għar-Regolament (UE) 2019/515 tad-19 ta' Marzu 2019 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' merkanzija kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor mid-19 ta' April 2020.

MT	Speċifikazzjoni tal-interfaċċa	Tagħmir tar-radju għal komunikazzjonijiet ta' salvataġġ fuq il-frekwenzi 121.5 MHz, 123.1 MHz, 406 MHz	SSB SE 030	April 2025
----	--------------------------------	--	------------	------------

3 Kamp ta' applikazzjoni

Din l-ispeċifikazzjoni tal-interfaċċa tiddeskrivi r-rekwiżiti bażiċi fir-rigward tat-Taqsima 4(2) tal-FuAG għal tagħmir tar-radju għall-implimentazzjoni ta' traffiku ta' emerġenza għall-koordinazzjoni u gwida relatata mal-post tas-servizzi ta' tiftix u salvataġġ fuq il-frekwenzi 121.5 MHz u 123.1 MHz kif ukoll l-emittent ta' sinjali ta' emerġenza f'każ ta' periklu marittimu (EPIRB) fuq il-frekwenza 406 MHz.

It-tagħmir tar-radju skont it-tifsira ta' din l-ispeċifikazzjoni tal-interfaċċa għandu jintuża għall-iskop maħsub tiegħu u jgħaddem f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur. Id-Direttiva 2014/53/UE tirrikjedi li l-manifatturi jipprovdu informazzjoni xierqa lill-utenti tat-tagħmir tar-radju biex ikunu jistgħu jgħaddmu t-tagħmir tar-radju kif maħsub u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Direttiva. Din l-informazzjoni għandha tinkludi wkoll istruzzjonijiet xierqa dwar it-tipi ta' kejbils u ta' antenni li għandhom jintużaw flimkien mat-tagħmir tar-radju.

Din l-ispeċifikazzjoni tal-interfaċċa tissostitwixxi l-SSB SE 019, l-edizzjoni ta' Ġunju 2016, notifikata skont 2016/0165/D.

4 Dokumenti

Id-dokumenti ċitati li ġejjin huma meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan id-dokument. Għal referenzi datati, għandha tapplika biss l-edizzjoni b'referenza tad-dokument. Għal referenzi mhux datati, għandha tapplika l-aktar edizzjoni reċenti tad-dokument b'referenza (inkluża kwalunkwe emenda).

Il-preżunzjoni ta' konformità tista' tkun ibbażata biss fuq verżjonijiet tal-istandards Ewropej armonizzati li huma inklużi fil-lista attwali ta' standards armonizzati fil-qafas tad-Direttiva 2014/53/UE u li jkun għew ippubblikati mill-Kummissjoni Ewropea fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE.

- Il-Pjan ta' frekwenza f'konformità mal-Att dwar it-Telekomunikazzjoni (TKG) dwar id-distribuzzjoni tal-medda ta' frekwenzi minn 0 kHz sa 3000 GHz fost l-użi tal-ispettru u dwar id-definizzjonijiet għal dan l-użu
Ippubblikat mill-Aġenzija Federali tan-Networks
- GASV - L-Ordinanza għad-determinazzjoni ta' rekwiżiti essenzjali ulterjuri għat-tagħmir u dwar id-determinazzjoni tal-ekwivalenzi tal-interfaċċi nazzjonali u l-identifikaturi tal-klassi tal-apparat fil-qasam tat-tagħmir tar-radju u tat-tagħmir terminali tat-telekomunikazzjoni (Grundlegende Anforderungen- und Schnittstellen-Verordnung, GASV [l-Ordinanza dwar ir-Rekwiżiti Bażiċi u l-Interfaċċa] tat-08.01.2002, (il-Gazzetta tal-Liġi Federali l p. 398 tal-11.01.2002), li kienet emendata l-aħħar bl-Artikolu 1 tal-Ordinanza tal-31 ta' Marzu 2014 (il-Gazzetta tal-Liġi Federali l p. 313)
- L-Ordni Amministrattiv 52/2023, L-allokazzjoni ġenerali tal-frekwenzi għall-applikazzjonijiet tar-radju mobbli għas-servizzi tar-radjutelefon marittimi u tal-passaġġi fuq l-ilma interni; il-Gazzetta Uffiċjali tal-Aġenzija Federali tan-Networks Nru 10 tal-24.05.2023
- Ir-Regolamenti tar-Radju¹ (VO Funk), l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (UIT), Ġinevra (Règlement des radiocommunications, Union internationale des télécommunications (UIT), Genève)
- ITU-R M. 585
Assenjazzjoni u użu ta' identitajiet fis-servizz mobbli marittimu
- ITU-R M.690
Karatteristiċi tekniċi ta' emittenti ta' sinjali bir-radju li jindikaw il-pożizzjoni f'każ ta' emerġenza li joperaw fuq il-frekwenzi portaturi ta' 121.5 MHz u 243 MHz

¹ Ir-Regolamenti tar-Radju huma disponibbli bl-Għarbi, biċ-Ċiniż, bl-Ingliż, bil-Franċiż, bir-Russu u bl-Ispanjol. Fil-każijiet kollha ta' tilwim jew ta' dubju, it-test Franċiż għandu jieħu preċedenza.

MT	Speċifikazzjoni tal-interfaċċa	Tagħmir tar-radju għal komunikazzjonijiet ta' salvataġġ fuq il-frekwenzi 121.5 MHz, 123.1 MHz, 406 MHz	SSB SE 030	April 2025
----	--------------------------------	--	------------	------------

- IEC 60489-3 (l-edizzjoni 2.0) u l-Emenda 1
Metodi ta' kejl għat-tagħmir tar-radju użat fis-servizzi mobbli. Parti 3: Riċevituri għall-emissjonijiet A3E jew F3E
- ETSI EN 301 688
Karatteristiċi tekniċi u metodi ta' kejl għal tagħmir b'VHF fiss u portabbli li jopera fuq il-frekwenzi 121.5 MHz u 123.1 MHz
- ETSI EN 302 152-1
Kompatibbiltà elettromanjetika u kwistjonijiet tal-ispettru tar-radju (ERM, Electromagnetic compatibility and Radio spectrum Matters); Emittenti ta' Sinjali għal-Lokalizzazzjoni Personali bis-Satellita li joperaw fil-banda ta' frekwenzi 406.0 MHz sa 406.1 MHz, il-Parti 1: Karatteristiċi tekniċi u metodi ta' kejl
- ETSI EN 302 961
Emittent ta' Sinjali Marittimi għal-Lokalizzazzjoni Preċiża Personali maħsub għall-użu fuq il-frekwenza 121.5 MHz għal skopijiet ta' tiftix u salvataġġ biss; **Standard Armonizzat** li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE
- ETSI TR 100 028 (il-partijiet kollha)
Kompatibbiltà elettromanjetika u kwistjonijiet tal-ispettru tar-radju (ERM); Inċertezzi fil-kejl tal-karatteristiċi tat-tagħmir mobbli tar-radju
- CEPT/ERC/REC 74-01
Unwanted Emissions in the Spurious Domain
- 2005/631/EC
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/631/KE tad-29 ta' Awwissu 2005 dwar rekwiżiti essenzjali kif imsemmija fid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 1999/5/KE li jiżguraw l-aċċess lis-servizzi tal-emerġenza għall-emittenti ta' sinjali ta' lokalizzazzjoni COSPAS-SARSAT (Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, L 225/28 tal-31.08.2005)
- 2013/638/EU
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar ir-rekwiżiti essenzjali fir-rigward tat-tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju fuq il-baħar maħsub biex jintuża fuq vapuri non-SOLAS u biex ikun parti mis-Sistema Marittima Globali għall-Periklu u s-Sigurtà (GMDSS) (Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, L 296/22 tas-07.11.2013)

5 Rekwiżiti tekniċi tal-interfaċċa

Din l-ispeċifikazzjoni tal-interfaċċa fiha r-rekwiżiti tekniċi tal-interfaċċa għal tagħmir tar-radju għal komunikazzjonijiet ta' salvataġġ bir-radju u ta' tiftix u salvataġġ (permezz tas-satellita) fuq il-frekwenzi li ġejjin:

Tabella 1: Komunikazzjonijiet ta' salvataġġ: 121.45 MHz – 121.55 MHz (il-Frekwenza Internazzjonali ta' Emerġenza 121.5 MHz)

Tabella 2: Komunikazzjonijiet ta' salvataġġ: 121.45 MHz – 121.55 MHz, 123.05 MHz – 123.15 MHz

Tabella 3: Komunikazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ (permezz tas-satellita): 406.0 MHz – 406.1 MHz (EPIRBs)

Tabella 1: 121.45 MHz – 121.55 MHz (il-Frekwenza Internazzjonali ta' Emerġenza 121.5 MHz)				
	Nru	Parametru	Deskrizzjoni (Description)	Kummenti (Comments)
Parti normattiva	1	Servizz tar-radju (Radiocommunication Service)	MOBBLI AJRUNAWTIKU (R)	
	2	Użu maħsub/Applikazzjoni (Application)	Emittenti ta' sinjali (marittimi)	Emittenti ta' sinjali f'każ ta' periklu fuq il-baħar għall-immarkar tal-pożizzjoni f'każ ta' emerġenza għal skopijiet ta' gwida relatati mal-post
	3	Medda tal-frekwenzi (Frequency band)	121.45 MHz – 121.55 MHz	Frekwenza ta' emerġenza
	4	Tqassim ta' stazzjonijiet (Channelling)		
	5	Modulazzjoni/wisa' tal-banda okkupata (Modulation/Occupied bandwidth)	A3X	
	6	Direzzjoni/distanza (Direction/Separation)	mhux direzzjonali	
	7	Potenza tat-trażmissjoni/densità tal-potenza (Transmit power/Power density)	0.5 W (ERPEP)	
	8	Regoli dwar l-aċċess u l-okkupanza tal-kanali (Channel aċċess and occupation rules)		
	9	Proċedura ta' approvazzjoni (Authorisation regime)	Allokazzjoni ġenerali	Nota 1
	10	Rekwiżiti essenzjali addizzjonali (Additional essential requirements)		
	11	Suppożizzjonijiet tal-ippjanar tal-frekwenza (Frequency planning assumptions)		
Parti informattiva	12	Bidliet ippjanati (Planned changes)		
	13	Referenzi (References)	ITU-R M.580, ITU-R M.690, IEC 60489-3, EN 301 688, EN 302 961 CEPT/ERC/REC 74-01	
	14	In-numru tan-notifika (Notification number)		
	15	Noti (Remarks)		

MT	Speċifikazzjoni tal-interfaċċa	Tagħmir tar-radju għal komunikazzjonijiet ta' salvataġġ fuq il-frekwenzi 121.5 MHz, 123.1 MHz, 406 MHz	SSB SE 030	April 2025
----	--------------------------------	--	------------	------------

Nota 1:

Sabiex ikunu jistgħu jintużaw il-frekwenzi, jeħtieġ li tinħareġ Liċenzja tal-Istazzjon tal-Bastimenti minn qabel (l-assenjazzjoni ta' numri għas-servizz tar-radjotelefonija marittimu jew tal-passaġġi fuq l-ilma interni) mill-Aġenzija Federali tan-Networks (l-Ordni 52/2023).

MT	Speċifikazzjoni tal-interfaċċa	Tagħmir tar-radju għal komunikazzjonijiet ta' salvataġġ fuq il-frekwenzi 121.5 MHz, 123.1 MHz, 406 MHz	SSB SE 030	April 2025
----	--------------------------------	--	------------	------------

Tabella 2: 121.45 MHz – 121.55 MHz, 123.05 MHz – 123.15 MHz

	Nru	Parametru	Deskrizzjoni (Description)	Kummenti (Comments)
Parti normattiva	1	Servizz tar-radju (Radiocommunication Service)	MOBBLI AJRUNAWTIKU (R)	
	2	Użu maħsub/Applikazzjoni (Application)	Komunikazzjoni ajrunawtika	Sistemi ta' intercom fl-ajru bl-approvazzjoni tal-EASA abbord vapuri tal-passiġġieri
	3	Medda tal-frekwenzi (Frequency band)	121.45 MHz – 121.55 MHz 123.05 MHz – 123.15 MHz	Frekwenza ta' emerġenza Frekwenza awżiljarja għall-frekwenza ta' emerġenza
	4	Tqassim ta' stazzjonijiet (Channelling)		
	5	Modulazzjoni/wisa' tal-banda okkupata (Modulation/Occupied bandwidth)	A3E	
	6	Direzzjoni/distanza (Direction/Separation)	mhux direzzjonali	
	7	Potenza tat-trażmissjoni/densità tal-potenza (Transmit power/Power density)	1.5 W (ERP)	
	8	Regoli dwar l-aċċess u l-okkupanza tal-kanali (Channel aċċess and occupation rules)		
	9	Proċedura ta' approvazzjoni (Authorisation regime)	Allokazzjoni ġenerali	Nota 1
	10	Rekwiżiti essenzjali addizzjonali (Additional essential requirements)		
	11	Suppożizzjonijiet tal-ippjanar tal-frekwenza (Frequency planning assumptions)		
Parti informattiva	12	Bidliet ippjanati (Planned changes)		
	13	Referenzi (References)	ITU-R M.580, ITU-R M.690, IEC 60489-3, EN 301 688, EN 302 961 CEPT/ERC/REC 74-01	
	14	In-numru tan-notifika (Notification number)		
	15	Noti (Remarks)		

Nota 1:

Sabiex ikunu jistgħu jintużaw il-frekwenzi, jeħtieġ li tinħareġ Liċenzja tal-Istazzjon tal-Bastimenti minn qabel (l-assenjazzjoni ta' numri għas-servizz tar-radjutelefonija marittimu jew tal-passaġġi fuq l-ilma interni) mill-Aġenzija Federali tan-Networks (l-Ordni 52/2023).

MT	Speċifikazzjoni tal-interfaċċa	Tagħmir tar-radju għal komunikazzjonijiet ta' salvataġġ fuq il-frekwenzi 121.5 MHz, 123.1 MHz, 406 MHz	SSB SE 030	April 2025
----	--------------------------------	--	------------	------------

Tabella 3: 406.0 MHz – 406.1 MHz (EPIRBs)

	Nru	Parametru <i>(Parameter)</i>	Deskrizzjoni <i>(Description)</i>	Kummenti <i>(Comments)</i>
Parti normattiva	1	Servizz tar-radju <i>(Radiocommunication Service)</i>	SERVIZZ MOBBLI TAS-SATELLITA (Direzzjoni dinja-spazju)	
	2	Użu maħsub/Applikazzjoni <i>(Application)</i>	EPIRBs	
	3	Medda tal-frekwenzi <i>(Frequency band)</i>	406.0 MHz – 406.1 MHz	
	4	Tqassim ta' stazzjonijiet <i>(Channelling)</i>		
	5	Modulazzjoni/wisa' tal-banda okkupata <i>(Modulation/Occupied bandwidth)</i>	G1B	
	6	Direzzjoni/distanza <i>(Direction/Separation)</i>	mhux direzzjonali	
	7	Potenza tat-trażmissjoni/densità tal-potenza <i>(Transmit power/Power density)</i>	5 W	
	8	Regoli dwar l-aċċess u l-okkupanza tal-kanali <i>(Channel aċċess and occupation rules)</i>		
	9	Proċedura ta' approvazzjoni <i>(Authorisation regime)</i>	Allokazzjoni ġenerali	Nota 1
	10	Rekwiżiti essenzjali addizzjonali <i>(Additional essential requirements)</i>		
	11	Suppożizzjonijiet tal-ippjanar tal-frekwenza <i>(Frequency planning assumptions)</i>		
Parti informattiva	12	Bidliet ippjanati <i>(Planned changes)</i>		
	13	Referenzi <i>(References)</i>	IEC 60489-3, EN 302 152, CEPT/ERC/REC 74-01 EC 2005/631/EG, EC 2013/638/EU, GASV	
	14	In-numru tan-notifika <i>(Notification number)</i>		
	15	Noti <i>(Remarks)</i>		

Nota 1:

Sabiex ikunu jistgħu jintużaw il-frekwenzi, jeħtieġ li tinħareġ Liċenzja tal-Istazzjon tal-Bastimenti minn qabel (l-assenjazzjoni ta' numri għas-servizz tar-radjotelefonija marittimu jew tal-passaġġi fuq l-ilma interni) mill-Aġenzija Federali tan-Networks (l-Ordni 52/2023).